Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0213

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF): l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-aċċess tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) għall-informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni (COM(2025)0685 – C10-0298/2025 – 2025/0348(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2025)0685),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0298/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 84 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0159/2026),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa’ jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-

proposta tal-Kummissjoni b’mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti skont id-dritt nazzjonali applikabbli għandhom jirrapportaw lill-UPPE, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe mġiba kriminali, inkluża frodi transfruntiera tal-VAT, li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) u (3) ta' dak ir-Regolament. Il-frodi transfruntiera tal-VAT skont id-definizzjoni tinvolvi diversi Stati Membri, u l-fluss ta' informazzjoni minn Stati Membri individwali lill-UPPE ma jaqax fl-ambitu tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE. Għalhekk, sabiex l-UPPE jiġi informat dwar ir-riskji ta' frodi tal-VAT fil-livell tal-UE u jwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti f'aktar dettall il-modalitajiet li bihom l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-UPPE kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment ***informazzjoni*** preċiża ***dwar frodi tal-VAT***. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/1939, f'każijiet speċifiċi, l-UPPE jista' jitlob aktar informazzjoni rilevanti disponibbli għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-	(2) Skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti skont id-dritt nazzjonali applikabbli għandhom jirrapportaw lill-UPPE, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe mġiba kriminali, inkluża frodi transfruntiera tal-VAT, li fir-rigward tagħha jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u l-Artikolu 25(2) u (3) ta' dak ir-Regolament***, fil-mument opportun biex tkun tista' ssir analiżi jew investigazzjoni ta' tali mġiba kriminali***. Il-frodi transfruntiera tal-VAT skont id-definizzjoni tinvolvi diversi Stati Membri, u l-fluss ta' informazzjoni minn Stati Membri individwali lill-UPPE ma jaqax fl-ambitu tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-livell tal-UE. Għalhekk, sabiex l-UPPE jiġi informat dwar ir-riskji ta' frodi tal-VAT fil-livell tal-UE u jwettaq il-mandat regolatorju tiegħu, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti f'aktar dettall il-modalitajiet li bihom l-Istati Membri, fi ħdan in-network Eurofisc imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, jenħtieġ li jirrapportaw lill-UPPE ***r-riżultati tal-ipproċessar u tal-analiżi mill-Eurofisc ta' każijiet ta' frodi transfruntiera suspettati u*** kwalunkwe indikazzjoni suspettuża u eventwalment ***l-informazzjoni*** preċiża ***li l-UPPE***

aġenziji tal-Unjoni u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli li skont dawn l-Istati Membri fil-Eurofisc jenħtieġ li jikkomunikaw lill-UPPE informazzjoni dwar frodi transfruntiera tal-VAT wara talba mill-UPPE.

jeħtieġ biex jivvaluta jekk għandux jerżerċita l-kompetenza tiegħu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 24(9) tar-Regolament (UE) 2017/1939, f'każijiet speċifiċi, l-UPPE jista' jitlob aktar informazzjoni rilevanti disponibbli għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli li skont dawn l-Istati Membri fil-Eurofisc jenħtieġ li jikkomunikaw lill-UPPE informazzjoni dwar frodi transfruntiera tal-VAT wara talba mill-UPPE.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-UPPE huma obbligati, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-UPPE u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Il-Eurofisc huwa magħmul kemm mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE kif ukoll minn dawk li ma jipparteċipawx fih. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm bażi legali ċara għall-aċċess tal-UPPE għall-informazzjoni pproċessata mill-Eurofisc.	(4) L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fl-UPPE huma obbligati, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera minqux fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jappoġġaw l-attivitajiet tal-UPPE u li jżommu lura minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Il-Eurofisc huwa magħmul kemm mill-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE kif ukoll minn dawk li ma jipparteċipawx fih. Għalhekk, huwa importanti li jkun hemm bażi legali ċara għall-aċċess tal-UPPE għall-informazzjoni pproċessata mill-Eurofisc***, għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi kriminali, sabiex iwettaq b'suċċess il-mandat tiegħu stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE)***

	2017/1939, jiġifieri, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri identifikat ripetutament dgħufijiet fir-rigward tal-aċċessibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni relatati mal-VAT fl-Istati Membri u fil-korpi tal-Unjoni bħala ostaklu sinifikanti għal investigazzjonijiet effettivi dwar il-frodi transfruntiera tal-VAT, l-aktar reċentement fir-Rapport Speċjali 8/2025 dwar frodi tal-VAT fuq l-importazzjonijiet. Barra minn hekk, dak ir-rapport identifika disparitajiet sinifikanti fil-livelli ta' sanzjonijiet amministrattivi applikati mill-Istati Membri fir-rigward tal-frodi tal-VAT fuq l-importazzjonijiet, li joħolqu kundizzjonijiet li jippermettu lill-operaturi jieħdu vantaġġ mill-ġuriżdizzjoni bl-aktar penali baxxi. L-aċċess għal data dwar il-VAT mogħti minn dan ir-Regolament lill-UPPE u lill-OLAF isaħħaħ il-kapaċità ta' detezzjoni u prosekuzzjoni iżda ma jikkostitwix rimedju ta' deterrent għad-diverġenza tal-penali; F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni li tirrevedi l-

	arkitettura kontra l-frodi bħala parti mill-miżuri inklużi fil-QFP ta' wara l-2027, tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' azzjoni ulterjuri biex jiġu indirizzati dawk id-disparitajiet, bħal proposta leġiżlattiva bbażata fuq bażi legali xierqa, bil-għan li jinkiseb livell minimu ta' armonizzazzjoni jew konsistenza tal-penali amministrattivi applikabbli għall-ksur l-aktar serju tal-VAT u dak relatat mad-dwana, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu protetti b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; Kwalunkwe proposta bħal din jenħtieġ li tiġi akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt komprensiva u jenħtieġ li turi l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-TFUE.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Il-White Paper tal-Kummissjoni ta' Lulju 2025 dwar ir-rieżami tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi identifikat il-frammentazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni bejn l-Eurofisc, l-UPPE, l-OLAF, l-Europol u l-Eurojust bħala dgħufija strutturali sistemika li ddgħajjef l-effettività tar-rispons tal-Unjoni għall-frodi transfruntiera tal-VAT. Dan ir-Regolament jikkostitwixxi l-implimentazzjoni leġiżlattiva

	tal-pilastru tal-kondiviżjoni tad-data ta' arkitettura kontra l-frodi riveduta u għandu jinqara flimkien mal-miżuri ulterjuri mħabbra f'dik il-White Paper, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċità operazzjonali tal-Eurofisc, l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet u tar-regoli dwar ir-responsabbiltà għar-rappreżentanti fiskali maħtura minn persuni taxxabbli mhux tal-Unjoni skont l-IOSS u skemi oħra tal-VAT fuq l-importazzjoni, u l-estensjoni tal-qafas ta' governanza tad-data tas-CESOP biex tiġi żgurata l-koerenza mal-aċċess għad-data doganali stabbilit minn dan ir-Regolament.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) L-informazzjoni maħżuna mill-awtoritajiet doganali b'rabta mal-proċeduri tal-importazzjoni li skonthom l-obbligi tal-VAT huma differiti jew ikun hemm eżenzjoni tal-VAT tikkostitwixxi, intrinsikament, informazzjoni relatata mal-VAT għall-finijiet tal-Artikolu 113 tat-TFUE. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 biex ikopri l-proċeduri kollha tal-importazzjoni li jinvolvu eżenzjonijiet jew differimenti tal-VAT, inkluż taħt l-iskema tal-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet

	stabbilita bid-Direttiva 2006/112/KE, u ż-żieda tal-valur doganali ddikjarat u l-pajjiż ta' oriġini bħala elementi ta' data obbligatorji, huma meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-UPPE u l-OLAF, ikunu jistgħu jagħmlu kontroreferenza tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni mad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u jidentifikaw diskrepanzi li jindikaw frodi. Tali estensjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għar-regoli doganali sostantivi li jirregolaw dawk il-proċeduri ta' importazzjoni, li jibqgħu soġġetti għar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 4d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4d) Sabiex jiġi żgurat li l-kapaċità ta' infurzar maħluqa minn dan ir-Regolament testendi b'mod effettiv għall-Istati Membri kollha, biex jiġu evitati asimetriji persistenti fis-suq uniku u fix-xenarju tal-Unjoni kontra l-frodi, u bħala parti mill-impenn tal-Kummissjoni li tirrevedi l-arkitettura kontra l-frodi, l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fl-UPPE jenħtieġ li jkunu rikjesti jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' funzjonijiet ekwivalenti għall-fini tal-kooperazzjoni mal-

	Eurofisc u mal-OLAF fir-rigward tal-frodi tal-VAT transfruntiera. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtorità maħtura fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar l-użu li jsir mill-informazzjoni li jirċievu, inkluż l-għadd ta' investigazzjonijiet miftuħa u l-eżiti tagħhom.
Emenda 7	
Proposta għal regolament **Premessa 5**	
Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jneħħu l-ostakli legali li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u b'mod partikolari li l-OLAF ikollu aċċess għad-data tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES, VAT Information Exchange System) u tal-Eurofisc[6]. F'dak ir-rigward huwa importanti li ***aċċess ċentrali għas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT, Information Technology) tal-UE*** jiġi stabbilit f'bażi legali ċara.	(5) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jneħħu l-ostakli legali li jipprevjenu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi, ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni u b'mod partikolari li l-OLAF ikollu aċċess għad-data tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES, VAT Information Exchange System) u tal-Eurofisc[6]. F'dak ir-rigward huwa importanti li jiġi stabbilit f'bażi legali ċara ***aċċess ċentrali għas-sistemi tal-IT tal-UE li jirrispetta l-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità, biex l-OLAF iwettaq b'suċċess il-mandat tiegħu stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013***.
[6] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru	[6] Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru

24/2015, L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni (https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR15_24).	24/2015, L-indirizzar tal-frodi intra-Komunitarja tal-VAT: Tinħtieġ aktar azzjoni (https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR15_24).

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-ostakli persistenti għal kooperazzjoni effettiva bejn il-korpi tal-Unjoni jinkludu inkompatibbiltajiet bejn is-sistemi tal-IT, frammentazzjoni tal-kanali ta' komunikazzjoni, u interoperabbiltà limitata tas-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet, li jwasslu għal ineffiċjenzi, dewmien u piżijiet amministrattivi miżjuda. Għalhekk huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-interoperabbiltà u li jiġu żviluppati infrastrutturi diġitali komuni biex jiġi żgurat l-iskambju bla xkiel u sigur tal-informazzjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Filwaqt li l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 diġà jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-VAT kompetenti tal-Istati Membri jiskambjaw b'mod spontanju informazzjoni li x'aktarx tkun utli għall-ġlieda kontra l-frodi

tal-VAT, dak l-obbligu japplika għall-awtoritajiet tal-VAT u ma jestendix għall-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Istati Membri, li mhumiex awtoritajiet tal-VAT kompetenti skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, la l-mekkaniżmu eżistenti stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 u lanqas in-network tal-Eurofisc ma jipprevedu l-komunikazzjoni spontanja diretta ta' intelligence dwar il-frodi derivata mid-dwana lill-UPPE u lill-OLAF. L-iskemi ta' frodi tal-VAT marbuta mal-proċeduri tal-importazzjoni huma kkaratterizzati minn diskrepanzi sistematiċi bejn l-informazzjoni ddikjarata lill-awtoritajiet doganali fil-punt tal-importazzjoni u d-dikjarazzjonijiet tal-VAT ippreżentati sussegwentement fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. L-awtoritajiet doganali sikwit ikunu l-ewwel li jidentifikaw tali anomaliji permezz tal-analiżi tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom. Sabiex tingħalaq dik il-lakuna u biex jiġi żgurat li l-intelligence doganali upstream identifikata mill-awtoritajiet doganali tiġi trażmessa mingħajr dewmien lill-korpi responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' frodi transfruntiera tal-VAT, u minħabba li l-eżerċitar effettiv tad-drittijiet ta' aċċess previsti fl-Artikoli 49a u 49b tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 jiddependi mill-fatt li l-UPPE u l-OLAF jiġu infurmati bl-eżistenza ta'

	każijiet potenzjali ta' frodi, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet doganali kompetenti jintalbu jittrażmettu dik l-informazzjoni b'mod spontanju. Tali trażmissjoni jenħtieġ li ssir lill-Eurofisc, lill-UPPE u lill-OLAF kull meta d-data msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punt (f), tindika xejriet konsistenti ma' frodi tal-VAT. Dik il-miżura hija kruċjali għall-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u hija konsistenti mal-impenn tal-Kummissjoni li tirrevedi l-arkitettura kontra l-frodi b'mod globali bħala komponent essenzjali tal-pakkett tal-QFP ta' wara l-2027. Matul l-aħħar snin, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew appella ripetutament għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet doganali u dawk tal-VAT, b'mod partikolari permezz ta' strateġiji nazzjonali kontra l-frodi. Tali mekkaniżmu ta' trażmissjoni spontanja jopera esklużivament fil-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 u huwa mingħajr preġudizzju għall-proċeduri doganali sostantivi stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 u r-regoli relatati dwar il-governanza tad-data.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) L-effettività tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni spontanja previst f'dan ir-Regolament tiddependi fuq il-koordinazzjoni adegwata fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet doganali kompetenti u l-awtoritajiet tal-VAT kompetenti tal-Istati Membri. F'ħafna Stati Membri, dawk il-korpi huma entitajiet amministrattivi separati bi ktajjen superviżorji u sistemi ta' informazzjoni distinti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet doganali u tal-VAT kompetenti tagħhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni regolari, inkluż permezz tal-qafas tal-Eurofisc, biex jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi li jindikaw frodi tal-VAT u t-trażmissjoni f'waqtha tad-data doganali rilevanti lill-Eurofisc, lill-UPPE u lill-OLAF. Tali koordinazzjoni hija miżura proċedurali u organizzattiva u ma tinvolvix obbligi addizzjonali tat-teknoloġija tal-informazzjoni għall-awtoritajiet nazzjonali.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Sabiex jiġi protett l-aċċess għad-data personali, il-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif ukoll il-persunal magħżul tal-	(9) Sabiex jiġi protett l-aċċess għad-data personali, il-Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Delegati Ewropej, kif ukoll il-persunal magħżul tal-

UPPE u tal-OLAF, li qabel kienu awtorizzati rispettivament mill-UPPE u l-OLAF, biss jenħtieġ li jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-VAT biex iwettqu l-kompiti tagħhom, taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali ta' Kollegament tal-Eurofisc. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għal dak l-aċċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dettalji tekniċi u l-arranġamenti prattiċi, inkluż dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil u l-identifikazzjoni tal-utenti. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

UPPE u tal-OLAF, li qabel kienu awtorizzati rispettivament mill-UPPE u l-OLAF, biss jenħtieġ li jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-VAT biex iwettqu l-kompiti tagħhom, taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali ta' Kollegament tal-Eurofisc. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għal dak l-aċċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-dettalji tekniċi u l-arranġamenti prattiċi, inkluż dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess u l-profil u l-identifikazzjoni tal-utenti***, u jiġi żgurat disinn li jirrispetta livelli għoljin ta' protezzjoni tad-data filwaqt li tittejjeb l-effiċjenza operazzjonali permezz ta' proċessi awtomatizzati mingħajr dewmien amministrattiv żejjed***. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. ***Dik il-miżura jenħtieġ li tinftiehem bħala pass immedjat, filwaqt li r-rieżami li ġej tal-arkitettura kontra l-frodi se jipprovdi opportunità biex jiġu żgurati koerenza u konsistenza akbar.***

---

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj)

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj)

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali.	(10) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a)L-aċċess tal-UPPE u tal-OLAF għall-VIES, għas-Sistema ta' Sorveljanza u għas-CESOP kif ukoll għal kwalunkwe sistema u bażi tad-data oħra jenħtieġ li jikkonċerna l-kategoriji ewlenin tad-data li ġejjin: informazzjoni dwar in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT u t-tranżazzjonijiet intra-Komunitarji tal-VAT, informazzjoni rilevanti dwar l-importazzjonijiet eżentati mill-VAT relatati mal-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet (IOSS) u l-importazzjonijiet tal-proċedura doganali 42/63 u l-informazzjoni aggregata dwar il-pagamenti. Tali aċċess jenħtieġ li jingħata biss lill-UPPE u lill-OLAF għall-fini li jwettqu dmirijiethom skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1939 u l-

Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-kategoriji eżatti tad-data disponibbli għall-UPPE u l-OLAF għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dmirijiethom skont dawk l-artikoli. L-abbozzi ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew għal skopijiet ta' informazzjoni, sabiex ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. Jenħtieġ li l-UPPE u l-OLAF ***ikunu responsabbli għall-kostijiet tal-istabbiliment u taż-żamma tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi rilevanti għall-aċċess sigur għall-***	(11) Peress li s-sistemi, l-infrastruttura u l-mezzi tekniċi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-VAT fil-livell tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu adattati biex jippermettu aċċess sigur tal-UPPE u tal-OLAF, huwa neċessarju li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiġi differita sabiex l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-UPPE u l-OLAF ikunu jistgħu jwettqu l-adattamenti neċessarji. Dan jenħtieġ li jqis id-dati meta se ssir operazzjonali l-VIES ċentrali u meta se tiġi eliminata gradwalment il-VIES storika. ***Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament,*** jenħtieġ li l-UPPE u l-OLAF ***ikollhom aċċess, f'konformità mal-prinċipji tan-newtralità baġitarja, għal***

informazzjoni dwar il-VAT.	***riżorsi finanzjarji u umani adegwati u stabbli, inkluż għarfien espert speċjalizzat fl-investigazzjonijiet finanzjarji, il-forensika diġitali u l-analiżi tad-data u inkluż ukoll, fejn xieraq, gateway jew interfaċċa separata, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data. Il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa wkoll sistemi interoperabbli tal-IT u għodod ta' komunikazzjoni siguri biex ikun jista' jkun hemm kooperazzjoni effiċjenti. Jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ miżuri organizzattivi, proċessi ta' awtorizzazzjoni interna, mekkaniżmi ta' sorveljanza u salvagwardji biex jiġi evitat l-użu ħażin.***

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni ***fi [...]***.	(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni ***fis-7 ta' Jannar 2026***.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 2a

Proposta ta’ segwitu dwar l-armonizzazzjoni minima tal-penali

Sa … [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju] u b’mod konsistenti mal-objettivi tar-reviżjoni tal-arkitettura kontra l-frodi bħala sett komplementari ta’ miżuri inklużi fil-pakkett tal-QFP ta’ wara l-2027 u għall-fini tat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva għall-armonizzazzjoni minima tal-penali amministrattivi applikabbli għall-aktar ksur serju fil-qasam tal-VAT u d-dazji doganali relatati, b’mod partikolari fir-rigward tal-frodi Intra-Komunitarja b’Negozjant Nieqes u l-abbuż minn proċeduri tal-importazzjoni simplifikati skont il-Proċedura Doganali 42 u l-Punt Uniku ta’ Servizz għall-Importazzjonijiet. Il-proposta għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri doganali sostantivi stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.”

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

“Artikolu 13a

Trażmissjoni spontanja ta’ data doganali li tindika frodi tal-VAT

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw b’mod spontanju lill-koordinaturi tal-oqsma ta’ ħidma tal-Eurofisc imsemmija fl-Artikolu 36(1), u, fil-mandati rispettivi tagħhom, lill-UPPE u lill-OLAF, kwalunkwe informazzjoni maħżuna skont l-Artikolu 17(1), il-punt (f), li tindika xejriet konsistenti ma’ frodi tal-VAT, b’mod partikolari:

(a) diskrepanzi sistematiċi bejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni ddikjarat f’dikjarazzjoni tal-importazzjoni u l-Istat Membru fejn il-VAT ġiet sussegwentement iddikjarata jew imħallsa;

(b) diskrepanzi sistematiċi bejn id-destinatarju identifikat f’dikjarazzjoni tal-importazzjoni skont l-iskema IOSS u l-persuna taxxabbli li ddikjarat il-VAT korrispondenti fl-Istat Membru tad-destinazzjoni;

(c) valuri doganali ddikjarati li jvarjaw b’mod sinifikanti mill-valur tas-suq meta dik id-diverġenza tkun konsistenti mas-sottovalwazzjoni għall-finijiet tal-VAT; u

(d) kwalunkwe indikatur ieħor speċifikat mill-att ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni bħala indikatur tar-riskju għall-frodi tal-VAT fil-livell doganali.

2. Il-komunikazzjoni

msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir mingħajr dewmien u għandha tinkludi, tal-anqas, l-elementi ta' data elenkati fl-Artikolu 17(1), il-punt (f), għall-importazzjoni jew serje ta' importazzjonijiet ikkonċernati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet doganali kompetenti u l-awtoritajiet tal-VAT kompetenti tagħhom jikkoordinaw fir-rigward tal-identifikazzjoni tad-diskrepanzi msemmija fil-paragrafu 1, inkluż permezz tal-qafas tal-Eurofisc.

4. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-formati u l-proċeduri tekniċi għall-komunikazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2).

5. Fl-Istati Membri li ma jipparteċipawx fl-UPPE skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, il-komunikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu indirizzati lill-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc u lill-OLAF fil-mandat tiegħu, u mhux lill-UPPE."

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt f

Test fis-seħħ	*Emenda*

	(-1b) Fl-Artikolu 17(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(f) l-informazzjoni ***li jiġbor skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 143(2)*** tad-Direttiva 2006/112/KE***, kif ukoll il-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-kodiċi tal-prodott, il-munita, l-ammont totali, ir-rata tal-kambju, il-prezz tal-oġġett u l-piż nett;***	***"(f)*** l-informazzjoni ***miġbura mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri relatata mal-importazzjonijiet kollha ta' merkanzija li għaliha tintalab eżenzjoni mill-VAT, differiment jew skema ta' kontabbiltà speċjali mal-importazzjoni, inkluż skont l-Artikolu 143(1), il-punt (d),*** tad-Direttiva 2006/112/KE ***(Proċedura Doganali 42/63), fl-ambitu tal-iskema tal-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet stabbilita bl-Artikoli 369l sa 369x ta' dik id-Direttiva, u kwalunkwe proċedura oħra tal-importazzjoni li skontha l-obbligu li tiġi ddikjarata l-VAT jiġi ddifferit lill-Istat Membru tad-destinazzjoni, limitata għall-elementi ta' data li ġejjin:*** ***(i) l-identifikatur tad-dikjarazzjoni tal-importazzjoni;*** ***(ii) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-importatur jew, fejn applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni tal-IOSS iddikjarat lid-dwana;*** ***(iii) in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-klijent fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, fejn disponibbli;*** ***(iv) il-valur doganali ddikjarat tal-merkanzija;*** ***(v) il-pajjiż ta' oriġini ddikjarat tal-merkanzija; u*** ***(vi) il-kodiċi tal-proċedura doganali, inkluż f'każijiet meta l-merkanzija tkun soġġetta***

	għal proċedura simplifikata tal-importazzjoni skont l-Artikolu 166 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;”

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 24k – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. L-UPPE u l-OLAF ***għandhom jaċċessaw l-informazzjoni*** tal-VIES ċentrali f’konformità mal-limiti u mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 49a u 49b;	1a. L-UPPE u l-OLAF ***għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni*** tal-VIES ċentrali ***permezz ta’ interfaċċa ċentrali sigura li tiżgura l-kunfidenzjalità u*** f’konformità mal-limiti u mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 49a u 49b;

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta’ ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f’konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f’konformità ma’ dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta’ frodi transfruntiera tal-VAT suspettat abbażi ta’ informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament li fir-rigward tagħha l-UPPE jista’ jeżerċità l-	2a. Il-koordinaturi tal-oqsma ta’ ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-UPPE, f’konformità mal-Artikolu 24(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939* fir-rigward tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE u f’konformità ma’ dan l-Artikolu fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe indikazzjoni ta’ frodi transfruntiera tal-VAT suspettat abbażi ta’ informazzjoni kkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament li fir-rigward tagħha l-UPPE jista’ jeżerċità l-

kompetenza tiegħu.	kompetenza tiegħu. ***Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni meħtieġa biex l-UPPE jivvaluta jekk jeżerċitax il-kompetenza tiegħu, dment li tali komunikazzjoni tkun meħtieġa u proporzjonata, tkun konformi mal-finijiet tal-mandat tal-UPPE, u tikkonforma bis-sħiħ mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.***

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF mingħajr dewmien kull indiakzzjoni ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***ikkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	2c. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF, mingħajr dewmien, kull indikazzjoni ta' frodi suspettata transfruntiera tal-VAT ibbażata fuq informazzjoni minn Stati Membri ***kkomunikata*** jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu***, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni tal-azzjonijiet investigattivi bejn l-OLAF u l-UPPE***. ***Il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF l-informazzjoni meħtieġa biex jivvaluta jekk jeżerċitax il-mandat tiegħu jew le.***

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 36 – paragrafu 2d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2d. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fuq talba tal-OLAF, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.	2d. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u fuq talba tal-OLAF, il-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc għandhom jikkomunikaw lill-OLAF kwalunkwe informazzjoni ***relevanti*** mill-Istati Membri dwar frodi transfruntiera tal-VAT ikkomunikata jew miġbura skont dan ir-Regolament biex l-OLAF ikun jista' jikkunsidra l-azzjoni xierqa f'konformità mal-mandat tiegħu.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-UPPE aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati għall-informazzjoni li ġejja:	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-UPPE aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati***, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tiegħu,*** għall-informazzjoni ***meħtieġa*** li ġejja:

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (e) u (f) ta' dan ir-Regolament;	(b) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (e) u (f) ta' dan ir-Regolament***, inkluż kwalunkwe element ta' data addizzjonali maħżun skont l-Artikolu 17(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament***;

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-aċċess imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jingħata biss fil-qafas ta' investigazzjonijiet attivi ta' reati kriminali suspettati jew tal-prosekuzzjoni tal-awturi ta' tali reati kriminali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1939, u għandu jitfassal u jintuża b'tali mod li jipprevjeni tfittxijiet mhux immirati jew aċċess mhux marbut ma' każ konkret. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, l-arkitettura u l-protokolli operazzjonali tas-sistema għandhom jipprojbixxu espressament kwalunkwe forma ta' estrazzjoni spekulattiva tad-data, estrazzjoni tad-data bil-massa, tfittxijiet ġeneralizzati

	jew tfassil awtomatizzat ta' profili mhux marbuta ma' investigazzjoni speċifika.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiġi żgurat li kull aċċess ikun attribwibbli għal investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika u għal utent awtorizzat identifikat. Tali aċċess għandu jiġi rreġistrat b'mod li jippermetti verifika ex post effettiva.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tkun tikkonċerna diversi Stati Membri.	3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tkun tikkonċerna diversi Stati Membri. ***Is-sistema kkonċernata għandha tiżgura traċċabbiltà u reġistrazzjoni sħiħa tat-tfittxijiet kollha, u għandha tkun appoġġata minn kanali ta' komunikazzjoni siguri u***

	rekords komprensivi li jippermettu mekkaniżmi effettivi ta' verifika ex post.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-UPPE għandu jippubblika, fuq bażi annwali, statistika dwar l-użu tal-aċċess ċentralizzat mogħti skont dan ir-Regolament, inkluż dwar l-għadd ta' inkjesti li jkun għamel, l-għadd ta' investigazzjonijiet li fihom tali aċċess ikkontribwixxa biex jiġi avvanzat il-każ, u l-għadd ta' każijiet li fihom id-data aċċessata nstabet li kienet irrilevanti u tħassret. Dik l-istatistika għandha tiġi inkluża fir-rapporti annwali tal-UPPE u tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew. F'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti li jirregolaw l-investigazzjonijiet, tali data għandha tiġi redatta kif xieraq biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u t-twettiq xieraq tal-investigazzjonijiet.

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji tekniċi dwar l-	(a) id-dettalji tekniċi dwar l-

aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati;	aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati***, u inklużi mekkaniżmi preventivi kontra tfittxijiet mhux immirati***;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-UPPE.	***imħassar***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-utenti kollha għandhom ikunu marbutin bir-regoli ta' kunfidenzjalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aċċess għad-data għandhom jiġu segwiti f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE)

2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Is-sistemi li jippermettu l-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu biex jiżguraw interoperabbiltà sħiħa mas-sistemi użati mill-korpi rilevanti tal-Unjoni, sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' informazzjoni effiċjenti u siguri u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5c. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UPPE, il-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali tal-Unjoni biex tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT interoperabbli, għodod diġitali u persunal speċjalizzat.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49a – paragrafu 5d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5d. Meta l-UPPE jirċievi data personali b'segwitu ta' trażmissjoni spontanja mill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 13a, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:
	(a) id-data tista' tiġi pproċessata biss għall-fini tal-valutazzjoni ta' jekk għandhiex tinfetaħ, jew titwettaq, investigazzjoni fil-mandat tal-UPPE skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/1939;
	(b) meta l-UPPE jiddetermina, fi żmien 90 jum minn meta jirċievi d-data, li mhijiex rilevanti għal kwalunkwe investigazzjoni fil-mandat tiegħu, għandu jħassar id-data u jinnotifika lill-awtorità trażmittenti;
	(c) meta tinfetaħ investigazzjoni abbażi tad-data trażmessa, l-awtorità doganali trażmittenti għandha tiġi nnotifikata u għandha tingħata l-opportunità li tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-UPPE u lill-EDPS jekk tqis li l-ipproċessar imur lil hinn minn dak li jkun meħtieġ;
	(d) għandhom japplikaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fil-Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2017/1939."

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-OLAF aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati għall-informazzjoni li ġejja:	1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-OLAF aċċess ċentralizzat għal tfittxijiet immirati għall-informazzjoni li ġejja ***fil-limiti ta' dak li huwa meħtieġ għall-eżerċizzju tal-mandat tiegħu***:

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (e) u (f) ta' dan ir-Regolament;	(b) Mill-1 ta' Settembru 2026, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1), il-punti (e) u (f) ta' dan ir-Regolament***, inkluż kwalunkwe element ta' data addizzjonali maħżun skont l-Artikolu 17(1), il-punt (f)***;

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitfassal u jintuża b'tali mod li l-OLAF ikollu l-aċċess iffukat u speċifiku għall-investigazzjoni li jeħtieġ, u li ma jkunx possibbli li jwettaq tfittxijiet mhux

	immirati jew li jikseb xi aċċess għajr għall-fini tal-ftuħ jew tat-twettiq ta' investigazzjonijiet f'konformità mal-kompiti tal-OLAF kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013. Tali aċċess ma għandux jippermetti l-estrazzjoni ta' data bil-massa, il-monitoraġġ ġeneralizzat jew it-tfassil ta' profili awtomatizzat mhux marbuta ma' investigazzjoni amministrattiva speċifika.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għal miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa li jiżguraw li kull aċċess ikun attribwibbli għal investigazzjoni speċifika u għal utent awtorizzat identifikat. Tali aċċess għandu jiġi rreġistrat b'mod li jippermetti verifika ex post effettiva.

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tkun tikkonċerna diversi Stati Membri.	3. Dak l-aċċess ċentralizzat għandu jkun aċċess permezz ta' punt ta' dħul uniku, għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna investigazzjoni, anke jekk dik l-informazzjoni tkun tikkonċerna diversi Stati Membri. ***Is-sistema kkonċernata għandha tiżgura t-traċċabbiltà u r-reġistrazzjoni sħiħa tat-tfittxijiet kollha, u għandha tkun appoġġata minn rekords komprensivi li jippermettu mekkaniżmi effettivi ta' verifika ex post.***

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-OLAF għandu jippubblika, fuq bażi annwali, statistika dwar l-użu tal-aċċess ċentralizzat mogħti skont dan ir-Regolament, inkluż dwar l-għadd ta' inkjesti li jkun għamel, l-għadd ta' investigazzjonijiet li fihom tali aċċess ikkontribwixxa biex jiġi avvanzat il-każ, u l-għadd ta' każijiet li fihom id-data aċċessata nstabet li kienet irrilevanti u tħassret. Dik l-istatistika għandha tiġi inkluża fir-rapporti annwali tal-OLAF u tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew. F'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti li jirregolaw l-investigazzjonijiet, tali data għandha tiġi redatta kif xieraq biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u t-twettiq

xieraq tal-investigazzjonijiet.

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati;	(a) id-dettalji tekniċi dwar l-aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu inkluża l-lista tal-kategoriji tad-data, li magħhom jistgħu jitwettqu t-tfittxijiet immirati***, u inkluż mekkaniżmu preventiv kontra tfittxijiet mhux immirati***;

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-kostijiet tal-istabbiliment, tal-operat u tal-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-mezzi tekniċi li jippermettu l-aċċess sigur għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-OLAF.'.	***imħassar***

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-utenti kollha għandhom ikunu marbutin bir-regoli ta' kunfidenzjalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aċċess għad-data għandhom jiġu segwiti f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Is-sistemi li jippermettu l-aċċess ċentralizzat imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jitfasslu biex jiżguraw interoperabbiltà sħiħa mas-sistemi użati mill-korpi rilevanti tal-Unjoni, sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' informazzjoni effiċjenti u siguri u jitnaqqas il-piż amministrattiv.

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5c. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF, il-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali tal-Unjoni biex tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT interoperabbli, għodod diġitali u persunal speċjalizzat.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 49b – paragrafu 5d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5d. Meta l-OLAF jirċievi data personali b'segwitu ta' trażmissjoni spontanja mill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 13a, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:
	(a) id-data tista' tiġi pproċessata biss għall-fini tal-valutazzjoni ta' jekk għandhiex tinfetaħ, jew titwettaq, investigazzjoni fil-mandat tal-OLAF skont l-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013;
	(b) meta l-OLAF jiddetermina, fi żmien 60 jum minn meta jirċievi d-data, li mhijiex rilevanti għal kwalunkwe investigazzjoni fil-mandat tiegħu, għandu jħassar id-data u jinnotifika lill-awtorità trażmittenti;
	(c) meta tinfetaħ investigazzjoni abbażi tad-data trażmessa, l-awtorità doganali trażmittenti għandha tiġi nnotifikata u għandha tingħata l-opportunità li tikkomunika l-valutazzjoni

	tagħha lill-OLAF u lill-EDPS jekk tqis li l-ipproċessar imur lil hinn minn dak li jkun meħtieġ;
	(d) għandhom japplikaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1725; l-OLAF għandu japplika r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni interna skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 għall-aċċess mogħti skont dan il-paragrafu."

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 904/2010
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(5a) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. Sal-1 ta' Novembru 2013 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha ***tirapporta*** lill-Parlament Ewropew ***u*** lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***"1.*** Il-Kummissjoni għandha***, kull tliet snin li jibdew minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u abbażi tar-rapporti pprovduti mill-UPPE, l-OLAF u l-Eurofisc, tissottometti rapport*** lill-Parlament Ewropew***,*** lill-Kunsill ***u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri*** dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari:***
	***(a) l-effettività operazzjonali tal-aċċess dirett tal-UPPE u tal-OLAF għall-VIES, għas-sistema SURVEILLANCE u għas-CESOP, inkluż iż-żmien medju għall-aċċess, l-għadd ta' investigazzjonijiet materjalment avvanzati, u l-**

eżiti tal-prosekuzzjonijiet jew tal-azzjonijiet amministrattivi;

(b) il-koerenza tal-qafas ta' aċċess u trażmissjoni ma' strumenti oħra adottati bħala parti mill-arkitettura kontra l-frodi riveduta, inklużi miżuri relatati mal-kapaċità tal-Eurofisc, il-governanza tas-CESOP, l-armonizzazzjoni tar-rappreżentant fiskali u l-konverġenza tal-penali;

(c) il-funzjonament u l-puntwalità tal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni spontanja skont l-Artikolu 13a, inklużi l-arranġamenti ta' koordinazzjoni nazzjonali bejn l-awtoritajiet doganali u tal-VAT;

(d) l-eżiti tal-infurzar miksuba fl-Istati Membri li ma jipparteċipawx fl-UPPE u jekk ġewx stabbiliti mekkaniżmi ekwivalenti skont ir-reviżjoni tal-arkitettura kontra l-frodi;

(e) l-ammonti stmati tal-VAT tal-Unjoni u d-dħul doganali relatat irkuprati jew ippreżervati bħala riżultat dirett tal-iskambji tad-data u d-drittijiet ta' aċċess stabbiliti minn dan ir-Regolament, u;

(f) il-kontribut ta' dan ir-Regolament għall-konverġenza tal-eżiti tal-infurzar fl-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-fattibbiltà tal-iżvilupp, fil-livell tal-Unjoni, ta' metodoloġija għall-kejl ta' dħul doganali mhux miġbur komparabbli għall-fini tal-indikatur tad-diskrepanza tal-VAT ippubblikat kull sena mill-Kummissjoni.

Meta r-rapport jidentifika nuqqasijiet persistenti fl-

applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tar-rapport, tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva li jkun fiha miżuri ta' rimedju."